PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2007/0182(CNS)

9.10.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-rijammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni
(COM(2007)0504 – C6-0000/2007 – 2007/0182(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Jan Marinus Wiersma

PA_Legapp

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

Il-rapporteur jilqa' b'sodisfazzjon il-konklużjoni mgħaġġla tan-negozjati dwar ftehima bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-rijammissjoni, li ġiet innegozjata b'mod parallel mal-ftehima dwar il-ħruġ tal-viża, u li tagħmel lil din ta' l-aħħar possibbli.

Il-ftehima ser tintensifika l-koperazzjoni bejn l-UE u l-Moldova f'diversi oqsma, fosthom l-ivvjaġġar li jaqsam il-fruntieri, il-kontroll fuq il-fruntieri, l-immaniġġjar tal-migrazzjoni u t-taqbida kontra l-immigrazzjoni illegali. Il-ftehima ser tgħin ukoll sabiex jiġu ttrattati l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata transkonfinali. B'mod partikolari, sakemm ma tinstabx soluzzjoni komprensiva għall-kunflitt fit-Trażnestrija, kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-UE u l-Moldova f'dan il-qasam għandha tgħin fil-ġlieda kontra l-attivitajiet illegali li joriġinaw fit-Trażnestrija. Min-naħa l-oħra, il-fethima m'għandhiex twassal għal restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq il-libertà ta' l-ivvjaġġar ta' kwalunkwe ċittadin Moldovan.

Il-Kummissjoni hija mitluba li tipprovdi l-għajnuna kollha xierqa lill-awtoritajiet Moldovani fl-isforzi tagħhom sabiex iżommu ma' l-impenji li jirriżultaw minn din il-fethima.

Ir-rapporteur jistieden lill-gvern tal-Moldova sabiex jiżgura l-implimentazzjoni f'waqtha u b'mod effikaċji tad-dispożizzjonijiet kollha meħtieġa, sabiex jiġi żgurat dħul fis-seħħ mingħajr problemi. Kooperazzjoni aktar mill-qrib f'dan il-qasam hekk importanti għandha tikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ ġenerali ta' l-istat tad-dritt fil-Moldova u fl-istituzzjonijiet ġudizzjarji u ta' infruzar tagħha. Ir-rapporteur jistieden lill-gvern tal-Moldova sabiex jaħtaf l-opportunità li tipprovdi din il-ftehima sabiex iqarreb il-prattika ta' l-infurzar tal-liġi lejn dik ipprattikata fl-Ewropa.

Ir-rapporteur jenfassizza li l-ftehima timmira wkoll li tiżgura konformità sħiħa ma' obbligi internazzjonali relatati mad-drittijiet tal-bniedem u l-ħarsien ta' persuni li jfittxu kenn politiku u rifuġjati.

Ir-rapporteur jistieden liż-żewġ partijiet biex jirratifikaw iż-żewġ ftehimiet bla dewmien sabiex dawn ikunu jistgħu jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.

******

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jipproponi l-approvazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

PROĊEDURA

Titolu	Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar rijammissjoni
Referenzi	COM(2007)0504 - 2007/0182(CNS)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET
Rapporteur ta' opinjoni: Data tal-ħatra	Jan Marinus Wiersma 12.9.2007
Diskussjoni fil-kumitat	9.10.2007
Data ta' l-adozzjoni	9.10.2007
Riżultat tal-vot finali	+: 8 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-vot finali	Cristian Silviu Buşoi, Michael Gahler, Anna Ibrisagic, Ioan Mircea Paşcu, Samuli Pohjamo, Charles Tannock, Josef Zieleniec
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Luis Yañez-Barnuevo García